# Il-PN x'għandu bżonn biex jistejqer?



**Prof. Andrew Azzopardi**
Dekan, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà
Università ta' Malta

## Il-politika hija ferm aktar mill-isteriżmu tal-massa

Kulħadd għaddej bit-teoriji tiegħu dwar x'għandu bżonn il-Partit Nazzjonalista biex joħroġ minn dawn l-abbissi li sab ruħu fihom. Din sitwazzjoni kumplessa frott tal-għażliet u d-deċiżjonijiet li saru fuq diversi livelli fis-snin l-imgħoddija. Partit politiku ta' din il-portata ma jkollux *meltdown* mil-lum għal għada, imma jkun hemm *pile up* ta' ċirkostanzi li jkunu waslu għal dan.

Li jiskantani fil-Partit Nazzjonalista huwa li dan il-Partit li fl-imgħoddi tant kien kapaċi jaqra l-istorja li qed isseħħ madwaru u jidderieġi lill-pajjiż fi snin ibsin, issa lanqas qed jirnexxilu jipperċepixxi x'qed jiġri fil-kurituri tiegħu stess.

Imma dan minn xiex ġej?

Jien nattribwixxi l-istat li qiegħed fih il-PN għal diversi raġunijiet.

Waħda mill-kbar hija din:

Iż-żarbun li kien jilbes Fenech Adami kien kbir ħafna u qatt ma mtela minn ta' warajh. Il-kult li nħoloq madwar dan il-persunaġġ kien xi ħaġa inkredibbli. Il-Partit inbena u kiber madwar dan il-koloss tal-politika Maltija. Il-Partit irnexxielu joħloq sentiment fil-partitarji, u fil-pajjiż b'mod ġenerali, li Fenech Adami jagħti sens ta' serenità. Kien il-punt ta' konverġenza f'kollox u kien hemm temenza, apparti r-rispett. Apparti hekk, kellu tim formidabbli madwaru jwittilu t-triq u jagħmel id-*damage control* li kien hemm bżonn.

Kif jiġri dejjem, ir-rebħ kien iġib aktar rebħ u aktar popolarità. Apparti hekk Fenech Adami kien ġie fi żmien tajjeb fejn Malta kienet ixxuttat mill-ideat u kont tara dan il-Partit jaqra ż-żminijiet u jirrispondi għal sfida wara l-oħra, b'mod krisp u immedjat. Kif bħal kull kaptan kellu bżonn jerħi jdejh minn fuq it-tmun, il-predelett tiegħu Gonzi, għalkemm bniedem ta' simpatija u bravura kbira, li rnexxielu jiżgiċċa lil Malta minn kolass finanzjarju, ma kienx kapaċi jżomm il-Partit flimkien. Kważi immedjatament bdew jidhru x-xquq. Beda jwebbes rasu (u sew li għamel hekk f'ċerta ċirkostanzi) u malajr ta' madwaru bdew jitilquh. Għalih kien importanti l-oġġettiv, il-kumplament kien superflu, imma kif nafu, il-politika ma taħdimx hekk f'Malta – il-*greater good* f'dan il-pajjiż huwa biss mit. Ħafna drabi, is-superflu huwa dak li jgħodd.

Imma ma kienx hekk biss li ġara.

Is-suppervja tal-Partit Nazzjonalista, li donnu jaħseb li 'hu' biss kien jaf kif imexxi l-pajjiż, bdew jiġbduh 'l isfel b'mod spedit. Apparti hekk ftit jew xejn beda jlaqqam aktar gradwati politiċi u l-veterani qabżu mill-vapur jew bdew jitwarrbu qishom għandhom il-pesta. Mhux wieħed jew waħda bdew jitilquh, nies li kienu l-Partit u l-Partit kienu huma.

Waħda mill-konsegwenzi ta' dan huwa li l-partitarji bdew jiddependu mid-dijalettika politika ta' Daphne Caruana Galizia u kważi kważi saret il-psewdo-mexxej tal-Paritit. Għax il-*core voter* tal-Partit Nazzjonlista beda jfittex l-ispirazzoni fit-tmexxija u ma bediex isibha. Il-punt ta' referenza ma kienx hemm aktar. Ir-rassigurazzjoni li tagħti t-tmexxija bdiet tisparixxi u bħan-nagħag li tilfu lill-Bendu, li s-soltu kif iħabbat l-għasluġ imorru jsegwuh, bdew iħosshom minsijin u mgerfxin.

F'kelma waħda, il-Partit beda jitlef il-boxxla.

Infatti, kif għedt, l-unika waħda li bdiet isservi dan l-iskop ta' *focus* kienet Daphne Caruana Galizia. Il-mument meta l-partitarji bdew jippruvaw jifhmu min hu l-lider, bdiet iżżid it-triq tan-niżla. In-nuqqas ma kienx ta' Daphne imma ta' min taha l-istatus tal-assolut.

**Il-PN issa beda jitlef il-motivazzjoni. Naħseb li punt illi wieħed għandu jirrifletti fuqu huwa li ħaġa bdiet iġġib lill-oħra.**

**M'għandix dubju li dawk li jilbsu l-kappestru mhux qed jifhmu li din mhix kwistjoni tal-PN imma kollass ta' pedament importanti fl-istruttura tad-demokrazija. Din sitwazzjoni li tista' toħloq *chain reaction* fejn istituzzjoni wara l-oħra jibdew jinħallu minn xulxin. Għalhekk l-appell tiegħi llum għax din mhix aktar *issue* ta' Partit imma materja tal-pajjiż fejn ir-rwol ta' gwida u direzzjoni tal-President tar-Repubblika issa huwa ferm aktar imminenti u bżonjuż.**

**Xi elementi li nara jridu jseħħu malajr kemm jista' jkun:**

- **Biex ifiq il-PN u jinqala' minn mal-magna tal-agunija għandu bżonn jerġa' jsib motivazzjoni u kawża għal xiex jeżisti.**
- It-tmexxija, u mhux qed nirreferi biss għall-'Mexxej', trid tkun ċara u deċiżiva. Il-Partit mill-aktar fis irid jifhem il-prinċipji li jħaddan u oħrajn li jrid jistudja u janalizza. Jaħasra hemm pakkett t'ideat li huma sani, kunċetti li libbes lil Malta bihom, li qed iwarrabhom qishom qatt ma eżistew. Pereżempju, irid jerġa' jqanqal lura l-kunċetti ta' solidarjetà, inklużjoni, sussidjarjetà, drittijiet umani, ugwaljanza eċċ. li għadhom relevanti li wieħed jitkellem fuqhom.
- Dan Partit li immedjatament irid jerġa' jqajjem l-iskola politika tal-AŻAD. Din għandha tkun fiċ-ċentru tal-moħħ politiku, post fejn in-nies jiġu jitkellmu, jiddiskutu u jwasslu l-messaġġ tagħhom. Apparti hekk, il-ħassieba donnhom sparixxew minn dan il-Partit li dejjem ospita nies ta' ħila intellettwali kbira.
- Kieku jien, fil-festi tal-Indipendenza Fuq il-Fosos tal-Floriana ħlief pjazez ta' diskussjoni ma nagħmilx u nneħħi x-xinxilli u l-imbarazz l-ieħor.
- Kull organizzazzjoni taħdem u tiffunzjona għax tikkomunika, għax titkellem. Hemm bżonn urgenti ta' rikonċiljazzjoni interna. Imbilli n-nies ma jaqblux ma jfissirx li ma jistgħux jgħixu flimkien. Din li jew ta' Simon jew ta' Delia trid tinqata'. Simon kellu ż-żmien tiegħu. Kien politiku Ewropew ta' statura. Għalija hemm postu u jekk jerġa' jikkontesta għall-MEP jerġa' jagħmel ħafna ġid. Dik kienet in-niċċa tiegħu. L-umiltà hija don kbir li jagħtik Alla l-Imbierek, dejjem jekk taċċettaha.
- Dan Partit li għandu bżonn ta' kollokju mal-għeruq.
- Nafu li s-suċċessi ta' Joseph Muscat u Eddie Fenech Adami kellhom ħaġa komuni, ċioè dak li ħolqu spettru ta' opinjonijiet fi ħdan il-Partit. In-nies setgħu jgħixu flimkien u jikkoabitaw anke jekk ma jaqblux għax il-Partit jagħtik dak l-ispazju u n-nifs. Partit mhuwiex porta-vuċi ta' xi pożizzjoni bigotta imma struttura ffondata mill-ħsieb. Nuqqas kbir li għad hemm huwa l-medja xotta tal-Partit. Dan mhux ġurnaliżmu li naraw fuq in-NET imma rapurtaġġ ta' x'qal dak u x'qal l-ieħor. Huwa l-ġurnalista li għandu jkun qed jiġri wara l-istorja u mhux inserrħu fuq xi *blogger* jew artikolista 'l hawn jew 'l hemm. Il-fiduċja u l-konverżazzjoni mal-*grassroots* tmellħu u tilfu l-gusto tagħhom, u din trid tiġi rranġata. Il-Partit jiżviluppa mentalità t'assedju li jrid jintreħa minnha. Il-Partit jeħtieġ kandidatura ta' kwalità. Apparti hekk hemm ħtieġa ta' taħriġ tal-kandidatura fix-xjenza politika u mhux xi koċċ ċarlatani li jpeċilqu qishom qegħdin fuq mejda f'nofs pjazza jixorbu l-birra u jmeċilqu l-bebbux.
- Is-serenità u t-trankwillità jiġġeneraw *policies* innovattivi, alternattivi u friski. Il-Partit li kien il-paladin taż-żgħażagħ donnu spiċċa bla żgħażagħ. Oħorġu kellmuhom u fittxuhom!
- Il-PN jrid jagħmel kuntatt mal-imgħoddi imma mhux b'mod nostalġiku.
- Dan huwa l-mument fejn iridu jintesew l-egojiet, fejn il-lealtà tiġi diretta lejn il-kawża.

Aħna kollha, Laburisti, Nazzjonalisti, minn partiti oħra, nies newtrali jew indifferenti, ninsabu f'salib it-toroq u l-ħin qed jgħaddi ġmielu. Jien bħal ħafna nattribwixxi din mhux biss għal sitwazzjoni gravi imma għal kriżi serja. Ma ridtx inkun l-għasfru tal-malawgurju imma l-pajjiż dejjem ħa jħabbat wiċċu mal-mewġ, xi darba jew oħra, u allura li jkollok il-pedamenti kollha f'saħħithom hija importanti.

Ma nistax nenfasizza biżżejjed kemm ninsabu f'sitwazzjoni gravi f'dan il-pajjiż.

Is-sistema politka hija diżinjata biex l-Oppożizzjoni toħloq kontrobilanċ. Jekk dan ma jkunx hemm għandna l-inkwiet serju. Inpoġġi n-nuqqas t'Oppożizzjoni fuq l-istess livell ta' sitwazzjoni fejn m'hemmx l-istituzzjoni tal-Qrati jew fejn il-medja kkontrollata mill-istat. Daqstant hija serja. Din sitwazzjoni li jekk tibqa' sejra f'din id-direzzjoni jaf ikollna kriżi kostituzzjonali serja ħafna.

Għalhekk kif għamilt drabi oħra, nappella biex is-soċjetà ċivili kollha, il-Knisja, l-għaqdiet non-governattivi, l-Università u l-imsieħba soċjali jpoġġu u jiddiskutu din is-sitwazzjoni. Din mhix aktar tan-Nazzjonalisti jew tal-Laburisti imma din hija kriżi u għandha bżonn tiġi riżoltata fi żmien qasir jekk ma rridux nirriskjaw li nitilfu dak kollu li ħdimna għalih tul is-snin.

Nerġa' ngħid, wieħed ikun iblah jekk jara din is-sitwazzjoni sempliċiment minn lenti kkulurita. Il-politika hija ferm aktar mill-isteriżmu tal-massa.

Id-demokrazija tagħna tiddependi fuq Oppożizzjoni sura ta' nies.